**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**RONALD FARRUGIA**
**GIOVANNI FARRUGIA**

Kump Nru 658/2010

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Ronald Farrugia**, detentur **tal-karta tal-identita` bin-numru 296665(M),** u **Giovanni Farrugia,** detentur **tal-karta tal-identita` bin-numru 116838(M),** gew akkuzati talli nhar l-24 ta' Mejju 2010 ghall-habta tal-05:05pm. waqt li kontu qeghdin fi Triq iz-Znuber, Attard u fil-vicinanzi;

1. Volontarjament hassartu jew gharraqtu hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Noel Chetcuti, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c), izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69c).

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-28 ta` Gunju 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta bhala fatt illi l-imputati ghandhom garaxx f'kumpless *semi-basement* gewwa Triq iz-Znuber, Attard. Fl-istess kumpless hemm erba garaxxijiet ohra, wiehed biswit dak ta` l-imputati, li jappartjeni lil Noel Chetcuti.

Skond Noel Chetcuti, nhar l-24 ta` Mejju 2010, f'xi hin nizel biex jiftah il-bieb tal-garaxx u nduna li kien hemm hsara konsiderevoli fil-bieb ghax ma riedx jinfetah bir-remote. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tal-hsarat li kellu l-bieb tal-garaxx tieghu u ta l-istat li sabu fih (ara *folio* 22). Qal ukoll li hu effettivament ma kien ra lil hadd jaghmel xi haga li biha saret hsara lil dan il-bieb tal-garaxx. Huwa mbaghad mar jaghmel rapport mal-pulizija fejn *inter alia* elabora li l-bieb tal-garaxx ta` l-imputati kien jidher ipprintjat gol-bieb tal-garaxx tieghu; il-hsara kienet tidher li saret minn naha tal-bieb ta` l-imputati.

In atti gew ipprezentati ritratti li juru l-hsarat li allegatament garrab il-bieb tal-garaxx ta` Noel Chetcuti (ara *folio* 26), kif ukoll stima (ara *folio* 25) li tlehhaq is-somma ta` €640.

Kif jirrizulta mill-PIRS report (ara *folio* 31), l-imputat skopra l-allegata hsara (li gieghlitu jmur jaghmel rapport) ghal-habta ta` l-4.15pm.

Kif jirrizulta mill-istqarrijiet ta` l-imputati u mill-istess PIRS report, l-istess imputati ma jichdux il-fatt, li tant iz-zewg bibien qedin qrib u ppozizzjonati b'tali mod, li l-bieb tal-garaxx taghhom jahbat mal-bieb tal-garaxx ta` Noel Chetcuti, meta jifthuh. L-imputati telghu jixhdu wkoll quddiem din il-Qorti. Imqabbla l-verzjonijiet taghhom moghtija fl-

istqarrija u fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti innotat li hemm punti ta` differenza. Il-linja generali pero` kienet u baqghet wahda ta` cahda – huma cahdu kategorikament li b'xi mod volontarju ghamlu l-hsara li qed tigi allegata li saret. Jekk kien hemm xi hsara, din tkun saret b'mod accidentali u dana minhabba l-pozizzjonament tal-bibien in kwistjoni.

Il-Qorti nnotat ukoll li mill-atti processwali jirrizulta li bejn l-imputati u Noel Chetcuti hemm *bad blood* minhabba kwistjonijiet ta` natura civili.

Xehedu wkoll Theresienne Refalo u Simon Refalo, ilkoll dwar il-hsarat li allegatament garrab il-bieb tal-garaxx in kwistjoni u l-istima ghat-tiswija.

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-kaz tal-prosekuzzjoni, minn analizi tar-rizultanzi processwali, huwa kolpit minn numru ta` diffikultajiet li certament, mehuda flimkien, jincidu lil din il-Qorti lejn konkluzjoni wahda.

Indipendentement mill-fatt li l-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar il-portata vera tal-hsarat (anke jekk din il-Qorti hi konvinta li xi forma ta` hsarat irrizultaw) li allegatament kellu l-bieb tal-garaxx ta` Noel Chetcuti (fatt li ma ghandu jincidi xejn fuq il-kwistjoni tar-reita` o meno), il-kwistjoni principali f'dan il-kaz hu illi fuq zewg punti partikolari, il-prosekuzzjoni ghandha l-kaz taghha dghajjef.

1. Definittivament ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni ippruvat li l-hsara materjali, kienet x'kienet, saret miz-zewg imputati jew minn wiehed minnhom.

Parentezi zghira dwar il-gradwatorja tal-provi. Fil-kamp penali, l-Qorti trid titpogga f'qaghda, 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, dwar l-elementi kollha tar-reat li jkun addebitat. **F'dan il-kaz, din il-Qorti taghmilha cara illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tressaq lill-Qorti f'qaghda li tiddikjara illi probabbilment, x'aktarx iva milli le, li l-hsara allegata saret minn xi wiehed mill-imputati jew mit-tnejn. Fil-kamp penali pero`, hija regola assodata, illi l-grad tal-probabbli ma hux bizzejjed biex a bazi tieghu tigi dikjarata l-htija** (enfasi tal-Qorti).

Dan il-punt jincidi fuq l-element materjali.

2. Fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-element tal-volontarjeta`.

Il-provi, fl-assjem taghhom, ipoggu lil din il-Qorti fil-pozizzjoni xejn felici, fil-kamp penali, li tiddikjara li possibilment l-imputati, jew min minnhom, volontarjament ikkawza hsara, jew li possibbilment l-imputati, jew min minnhom, involontarjament ikkawza hsara. Ir-rizultanzi processwali qed juru illi daqs kemm tista tkun plawsibbli ipotezi wahda, daqstant iehor tista tkun plawsibbli l-ipotezi l-ohra.

Il-grad tal-possibbli ma jiswa ghall-ebda parti fil-kawza.

Kull kumment ulterjuri ikun superfluwu.

**DECIDE.**

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti ssib u tiddikjara lill-imputati mhux hatja ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghhom u minnha tilliberahom skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur